MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2264/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Joseph Abela**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut in rigward renta mhallsa lilu bil-quddiem fuq sit bin-numru SE-875 u dana fix-xahar ta' Novembru, s-sena 2002.

Ra illi l-konvenut Joseph Abela, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-31 t'Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------